KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fil-11 ta' Frar 2021 [1]

Kawża C-579/19

R (fuq talba tal-Association of Independent Meat Suppliers *et*)
vs
Food Standards Agency

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Regolament (KE) Nru 854/2004 – Regolament (KE) Nru 882/2004 – Kontrolli uffiċjali ta' ikel li ġej mill-annimali – Dritt għal stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali – Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mis-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit) essenzjalment tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman [2], kif ukoll tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali [3]. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 jikkonċerna l-applikazzjoni minn veterinarji uffiċjali ta' marki tas-saħħa meta huma jqisu laħam xieraq għall-konsum mill-bniedem, filwaqt li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 jikkonċerna informazzjoni dwar id-drittijiet għal rikors kontra deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bħala riżultat ta' tali kontrolli uffiċjali.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 75.

[3] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 200, rettifika fil-ĠU 2015, L 187, p. 91.

2. Ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 jagħmlu parti mill-kuntest ġuridiku li jirregola s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni Ewropea[4]. B'mod ġenerali, dawn ir-regolamenti jistabbilixxu regoli armonizzati dwar kontrolli uffiċjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jiżguraw li l-operaturi ta' negozji tal-ikel jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-veterinarji uffiċjali huma persuni bi kwalifiki speċjali li, bl-għajnuna ta' awżiljarji uffiċjali, iwettqu kompiti f'isem dawn l-awtoritajiet fis-sistema tal-kontrolli uffiċjali fuq il-laħam.

3. Din il-kawża tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq dak li jirriżulta mid-"dritt ta' appell [rikors] kontra id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti bħala riżultat tal-kontrolli uffiċjali", imsemmi fil-premessa 43 tar-Regolament Nru 882/2004 u żviluppat fl-Artikolu 54(3) ta' dan ir-regolament.

4. L-ewwel, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà mar-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 ta' sistema legali li kienet teżisti fil-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jiġifieri l-Artikolu 9 tal-Food Safety Act 1990 (il-Liġi dwar is-Sigurtà tal-Ikel tal-1990, iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-1990")[5]. Il-qorti tar-rinviju għamlet dan fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, Cleveland Meat Company (iktar 'il quddiem "CMC") u l-Association of Independent Meat Suppliers, u, min-naħa l-oħra, il-konvenuta, il-Food Standards Agency (iktar 'il quddiem il-"FSA"), fuq liema rotta disponibbli fid-dritt nazzjonali għal evalwazzjoni ġudizzjarja ta' deċiżjoni meħuda minn veterinarju uffiċjali li ma japplikax marka tas-saħħa għal laħam meqjus mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. L-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, li huwa proċedura quddiem Justice of the Peace (membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali) li tinvolvi stħarriġ fuq il-mertu tal-kawża, hija l-unika rotta li tissodisfa d-dritt għal rikors deskritt iktar 'il fuq stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, kif jallegaw ir-rikorrenti, jew rikors għal stħarriġ ġudizzjarju skont id-dritt tar-Renju Unit ("claim for judicial review", iktar 'il quddiem "rikors għal stħarriġ ġudizzjarju"), li huwa proċedura quddiem qorti li ma tinvolvix stħarriġ fuq il-mertu tal-kawża, jipprovdi mezz effettiv u xieraq sabiex jiġu infurzati r-rekwiżiti ta' sigurtà tal-ikel tar-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 u b'mod iktar speċifiku r-rifjut tal-veterinarju uffiċjali li japplika marka tas-saħħa, kif allegat mill-FSA? Din il-kwistjoni timplika neċessarjament teħid inkunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri sabiex jistabbilixxu r-regoli applikabbli għal azzjonijiet intiżi sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-Unjoni, bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività kif ukoll għad-dritt għal rimedju effettiv kif iggarantit mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

5. It-tieni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, sabiex tikkonforma ruħha ma' dawn ir-regolamenti u mad-dritt tal-Unjoni b'mod iktar ġenerali, ir-Regolament Nru 882/2004 jipprovdix għal rikors kontra deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li tirrifjuta l-applikazzjoni ta' marka tas-saħħa taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004, li jinkludi l-istħarriġ ġudizzjarju fuq il-mertu. Din

[4] Dan jinkludi wkoll: ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15 Vol. 6, p. 463, rettifiki fil-ĠU 2014, L 327, p. 9, u fil-ĠU 2016, L 227, p. 5); ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 319); ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 14, rettifika fil-ĠU 2019, L 282, p. 35); u r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU 2009, L 300, p. 1). Ara, barra minn hekk, il-punti 39 sa 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[5] UK Public General Acts 1990 c. 16.

id-domanda, hija wkoll, għandha tingħata risposta fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, peress li jirrigwarda l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju.

6. Konsegwentement, din il-kawża tqajjem kwistjonijiet ġodda dwar il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva għal individwi fid-dritt tal-Unjoni dwar l-ikel u r-relazzjoni bejn ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 f'dan ir-rigward. Hija għandha wkoll implikazzjonijiet potenzjalment usa' għall-iżvilupp tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet amministrattivi mill-qrati nazzjonali abbażi tal-Artikolu 47 tal-Karta.

II. Il-kuntest ġuridiku

7. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 jipprovdi:

"L-immarkar tas-saħħa tal-karkassi ta' annimali domestiċi bid-dwiefer mgħawwġa, mammali tal-kaċċa mrobbija minbarra lagomorfi, u annimali kbar tal-kaċċa, kif ukoll nofs karkassi, kwarti u qatgħat li jirriżultaw mill-qtugħ ta' nofs karkassi fi tlett qatgħat bl-ingrossa, għandu jitwettaq fil-biċċeriji u fl-istabbilimenti li jimmaniġġaw il-kaċċa skond it-Taqsima I, il-Kapitolu III, ta' l-Anness I. Il-marki tas-saħħa għandhom jiġu applikati minn, jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju uffiċjali fejn kontrolli uffiċjali ma jkunu identifikaw ebda defiċjenzi li jirrendu l-laħam mhux tajjeb għall-konsum uman".

8. Skont il-premessa 43 tar-Regolament Nru 882/2004:

"L-operaturi għandu jkollhom id-dritt ta' appell kontra id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti bħala riżultat tal-kontrolli uffiċjali, u għandhom ikunu informati b'dak id-dritt".

9. L-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 jipprovdi:

"L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-operatur konċernat, jew rappresentant tiegħu,:

(a) b'notifka bil-miktub tad-deċiżjoni tagħha dwar l-azzjoni li għandha tittieħed skond il-paragrafu 1, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(b) informazzjoni dwar id-drittijiet ta' appell kontra dawk id-deċiżjonijiet u dwar il-proċeduri applikabbli u l-limiti ta' żmien".

III. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10. Fil-11 ta' Settembru 2014, CMC xtrat barri ħaj għal madwar GBP 1 400 (lira sterlina) (madwar EUR 1 700). Huwa tqies li kien xieraq sabiex jinqatel mill-veterinarju uffiċjali stazzjonat fil-biċċerija ta' CMC. L-ispezzjoni post-mortem tal-karkassa u tal-ġewwieni twettqet minn awżil-jarju uffiċjali, imsejjaħ spettur tal-iġjene tal-laħam, li identifika tliet axxessi fil-ġewwieni[6]. Iktar tard dakinhar, il-veterinarju uffiċjali spezzjona l-karkassa u, wara diskussjoni ma' dan l-ispettur, iddikjara l-laħam mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem minħabba li l-axxessi taw lok

[6] Hekk kif jidher mid-deċiżjoni tar-rinviju, karkassa hija użata fis-sens ta' "karkassa", iddefinita fil-punt 1.9 tal-Anness I tar-Regolament Nru 853/2004 bħala "il-ġisem ta' annimal wara l-qatla u t-tindif", filwaqt li l-kelma "ġewwieni" tfisser, skont il-punt 1.11 tiegħu, "laħam frisk barra mill-karkassa, inklużi l-interjuri u d-demm".

għas-suspett li l-barri kien isofri minn pijemija, forma ta' avvelenament tad-demm [7]. Għalhekk, il-veterinarju uffiċjali ma applikax marka tas-saħħa fuq il-karkassa, li kieku kienet tiċċertifika li kienet xierqa għall-konsum mill-bniedem. Konsegwentement, CMC ġiet ipprojbita milli tbigħ il-karkassa skont ir-Regola 19 tal-Food Safety and Hygiene (England) Regulations 2013 (ir-Regoli tal-2013 dwar is-Sigurtà u l-Iġjene tal-Ikel (l-Ingilterra)) [8].

11. CMC talbet il-parir ta' kirurgu veterinarju ieħor u kkontestat l-opinjoni tal-veterinarju uffiċjali. Hija sostniet li, fil-każ ta' kontroversja u tar-rifjut tiegħu li jirrilaxxa volontarjament il-karkassa, il-veterinarju uffiċjali, skont l-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, ikollu jissekwestra l-karkassa u jressaqha quddiem membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali sabiex tingħata deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi kkundannata. Il-FSA, li hija l-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali dwar is-sigurtà tal-ikel u li hija responsabbli għall-kontrolli uffiċjali fil-biċċeriji, qieset li ma kienx hemm bżonn li wieħed jirrikorri għal din il-proċedura u li, peress li l-veterinarju uffiċjali qiesha bħala mhux xierqa għall-konsum mill-bniedem, il-karkassa kellha tintrema bħala prodott sekondarju tal-annimali.

12. Fit-23 ta' Settembru 2014, il-veterinarju uffiċjali, li kien qiegħed jaġixxi għall-FSA, innotifika lil CMC avviż li kien jitlobha tarmi l-karkassa bħala prodott sekondarju tal-annimali skont ir-Regola 25(2)(a) tal-Animal By-Products (Enforcement) (England) Regulations 2013 (ir-Regoli tal-2013 dwar il-Prodotti Sekondarji tal-Annimali (Infurzar) (l-Ingilterra) [9]) u r-Regolament Nru 1069/2009. Dan l-avviż kien jgħid dan li ġej: "Inti għandek dritt għal rikors kontra d-deċiżjoni tiegħi, u dan permezz ta' stħarriġ ġudizzjarju. Applikazzjoni għal tali rikors għandha tiġi ppreżentata rapidament u, fi kwalunkwe każ, ġeneralment fi żmien tliet xhur mid-data li fiha dehret għall-ewwel darba r-raġuni għall-applikazzjoni".

13. Rikors għal stħarriġ ġudizzjarju ġie effettivament ippreżentat quddiem il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (l-Ingilterra u Wales), Sezzjoni tal-Queen's Bench) (ir-Renju Unit), minn CMC u mill-Association of Independent Meat Suppliers (iktar 'il quddiem, flimkien, ir-"rikorrenti") sabiex jikkontestaw id-dikjarazzjoni tal-FSA li tgħid li ma kienx neċessarju li wieħed jirrikorri għall-proċedura prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990 u sabiex isostnu, sussidjarjament, li r-Renju Unit kellu jipprovdi mezzi sabiex tiġi kkontestata deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali rigward jekk laħam huwiex xieraq għall-konsum mill-bniedem. Peress li din il-proċedura sfat mingħajr suċċess quddiem dik il-qorti [10] u quddiem il-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) (il-Qorti tal-Appell (l-Ingilterra u Wales) (Sezzjoni Ċivili)) (ir-Renju Unit) [11], ir-rikorrenti appellaw quddiem is-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit).

14. Il-qorti tar-rinviju indikat, *inter alia*, li l-proċedura prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990 ma hijiex strutturata f'termini ta' rikors kontra deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali rigward jekk laħam huwiex xieraq għall-konsum mill-bniedem. Skont dik il-proċedura, jekk uffiċjal awtorizzat ta' awtorità tal-ikel jew ta' awtorità tal-infurzar, bħalma hija l-FSA, jidhirlu li ikel intiż għall-konsum mill-bniedem ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' sigurtà tal-ikel, dan l-uffiċjal jista' jissekwestra l-ikel

7 Il-pijemija hija l-avvelenament tad-demm (septicaemia) ikkawżat mill-firxa fid-demm ta' batterji li jifformaw materja rrilaxxati minn axxess.

8 UK Statutory Instruments 2013/2996 (l-Istrumenti Statutorji tar-Renju Unit 2013/2996). Kif jidher mill-informazzjoni sottomessa lill-Qorti tal-Ġustizzja, dawn ir-regoli jipprevedu l-eżekuzzjoni u l-infurzar fl-Ingilterra tar-Regolamenti Nru 178/2002, Nru 852/2004, Nru 853/2004 u Nru 854/2004.

9 UK Statutory Instruments 2013/2952 (l-Istrumenti Statutorji tar-Renju Unit 2013/2952).

10 R (on the application of Association of Independent Meat Suppliers, Cleveland Meat Company Ltd) vs Food Standards Agency [2015] EWHC 1896 (Admin).

11 R (on the application of Association of Independent Meat Suppliers & Anor) vs Food Standards Agency [2017] EWCA Civ 431.

sabiex il-kwistjoni tiġi ttrattata mill-membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali, li jista' jkun membru tal-ġudikatura onorarju jew imħallef tad-distrett legalment ikkwalifikat u li huwa aċċessibbli faċilment f'kull mument. Jekk il-membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali, abbażi ta' tali provi li huwa jqis xierqa, jikkonstata li l-ikel ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' sigurtà tal-ikel, huwa għandu jikkundannah u jordna l-qerda tiegħu bi spejjeż għall-proprjetarju, filwaqt li, jekk il-membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali jirrifjuta li jikkundanna l-ikel, l-awtorità kompetenti għandha tikkumpensa lill-proprjetarju għal kull deprezzament fil-valur tiegħu li jirriżulta mill-azzjoni tal-uffiċjal.

15. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju rrilevat li, skont ir-rikorrenti, il-proċedura prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, li ilha tagħmel parti mil-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit sa mis-seklu 19 u tkompli topera taħt is-sistema ta' sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, tipprovdi mezz kemm għall-infurzar ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali dwar jekk laħam huwiex xieraq għall-konsum mill-bniedem kif ukoll għall-operaturi sabiex jissuġġettaw din id-deċiżjoni għal skrutinju ġudizzjarju u sabiex jitolbu lil membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali sabiex jiddeċiedi jekk il-karkassa kinitx fil-fatt konformi mar-rekwiżiti ta' sigurtà tal-ikel. Ir-rikorrenti jaċċettaw li l-membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali ma jistax jordna lil veterinarju uffiċjali japplika marka tas-saħħa, iżda jsostnu li veterinarju uffiċjali jista' jiġi mistenni li josserva d-deċiżjoni u japplika marka tas-saħħa konsegwentement, u li jista' jingħata kumpens. Bil-kontra, il-FSA ma taċċettax li din il-proċedura hija xierqa, u wisq inqas obbligatorja, sabiex tiġi solvuta tilwima dwar jekk karkassa hijiex xierqa għall-konsum mill-bniedem, peress li l-membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali ma għandux is-setgħa li jordna lil veterinarju uffiċjali sabiex japplika marka tas-saħħa jew jagħmel ħaġa oħra għajr dik li jikkundanna għar-rimi karkassa li ma għandhiex tali marka. Il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tassumi li l-interpretazzjoni tar-rikorrenti hija korretta u li l-membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali għandu s-setgħa li jagħti deċiżjoni li tista' tirriżulta fl-għoti ta' kumpens jekk huwa jqis li marka tas-saħħa kellha tiġi applikata fuq karkassa.

16. Il-qorti tar-rinviju rrilevat ukoll il-possibbiltà għal operatur ta' biċċerija, bħal CMC, li jippreżenta rikors għal stħarriġ ġudizzjarju sabiex jikkontesta d-deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li l-laħam ma jkunx xieraq għall-konsum mill-bniedem, u għalhekk li jirrifjuta li japplika marka tas-saħħa, jew li jannulla avviż ta' rimi, bħal dak li ġie nnotifikat lil CMC fit-23 ta' Settembru 2014, kif imsemmi fil-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet. F'din il-proċedura, il-qorti tista' tannulla din id-deċiżjoni għal kwalunkwe raġuni li tirrendiha illegali, inkluż jekk il-veterinarju uffiċjali jaġixxi għal skop mhux xieraq, jonqos milli japplika t-test legali korrett jew jieħu deċiżjoni irrazzjonali jew nieqsa minn bażi probatorja suffiċjenti. Barra minn hekk, il-qorti kultant tisma' provi orali u tagħti digrieti obbligatorji, u għandha s-setgħa li tordna kumpens għal ksur tad-drittijiet taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Madankollu, il-qorti tar-rinviju rrilevat li l-istħarriġ ġudizzjarju ma jikkostitwixxix rikors fuq il-fondatezza ta' din id-deċiżjoni.

17. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Ir-Regolamenti [Nru 854/2004 u Nru 882/2004] jipprekludu proċedura li permezz tagħha, skont l-Artikolu 9 tal-Food Safety Act 1990 (il-Liġi dwar is-Sigurtà tal-Ikel tal-1990), Justice of the Peace (imħallef f'qorti distrettwali) jiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ u abbażi tal-evidenza ta' esperti mressqa minn kull wieħed mill-partijiet jekk karkassa tissodisfax ir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-prodotti tal-ikel?

(2) Ir-Regolament [Nru 882/2004] jeżiġi dritt għal azzjoni legali minn deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali, skont il-punt 2 tal-Artikolu 5 tar-Regolament [Nru 854/2004] li ddikjarat li l-laħam ta' karkassa ma kienx xieraq għall-konsum mill-bniedem u, fl-affermattiv, x'approċċ għandu jiġi adottat fl-eżami tal-fondatezza tad-deċiżjoni meħuda mill-veterinarju uffiċjali fil-kuntest ta' azzjoni legali f'tali każ?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja mir-rikorrenti, mir-Renju Unit u mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet wieġbu wkoll għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula lilhom mill-Qorti tal-Ġustizzja.

19. Filwaqt li din il-kawża kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni fil-31 ta' Jannar 2020. Skont l-Artikolu 86(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika [12], il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkompli jkollha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjonijiet preliminari dwar talbiet mill-qrati tar-Renju Unit magħmula qabel it-tmiem tal-perijodu tranżitorju, li, kif iddefinit fl-Artikolu 126 tiegħu, huwa fil-prinċipju l-31 ta' Diċembru 2020. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 89(1) ta' dan il-ftehim, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kemm jekk tingħata qabel it-tmiem ta' dan il-perijodu tranżitorju jew f'data futura, ikollha saħħa vinkolanti fl-intier tagħha fuq u fir-Renju Unit.

20. Konsegwentement, peress li din it-talba għal deċiżjoni preliminari saret fil-31 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja jkompli jkollha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar din it-talba u s-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit) hija marbuta bis-sentenza li tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-proċedura.

V. Sunt tal-osservazzjonijiet tal-partijiet

21. Ir-rikorrenti jsostnu li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun fin-negattiv, peress li r-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 ma jipprekludux proċedura, bħall-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990. Huma jsostnu li l-fatt li, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 854/2004, flimkien mal-Anness 1 tiegħu, il-veterinarju uffiċjali jieħu deċiżjonijiet dwar l-immarkar tas-saħħa tal-laħam abbażi tat-taħriġ u tal-kwalifiki tiegħu ma jipprekludix stħarriġ ġudizzjarju effettiv tal-fondatezza ta' dawn id-deċiżjonijiet. Fil-fatt, imkien f'din il-leġiżlazzjoni ma huwa preklużid-dritt li jiġu kkontestati dawn id-deċiżjonijiet fil-kuntest tal-proċeduri nazzjonali.

22. Ir-rikorrenti jsostnu li r-risposta għat-tieni domanda għandha tkun fis-sens li r-Regolament Nru 882/2004 jistabbilixxi dritt għal rikors kontra d-deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004, li l-laħam tal-karkassa ma kienx xieraq għall-konsum mill-bniedem u li, fl-istħarriġ tal-fondatezza ta' din id-deċiżjoni, qorti tal-appell għandha twettaq stħarriġ sħiħ tal-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti relatati ma' din id-deċiżjoni u tiddeċiedi, fuq il-mertu tal-każ u fuq il-bażi tal-provi, inklużi l-provi tal-esperti msejħa minn kull naħa, dwar jekk il-laħam ta' karkassa jonqosx milli jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-ikel. Fil-fehma tagħhom, ir-Regolament Nru 854/2004 japplika fil-kuntest

[12] ĠU 2020, L 29, p. 7. Skont l-Artikolu 86(3) ta' dan il-ftehim, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jitqiesu li tressqu fil-mument li fih l-att promotur ġie rreġistrat mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan il-każ, it-talba ġiet irreġistrata mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Lulju 2019.

tar-Regolament Nru 882/2004, u l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004, moqri flimkien mal-premessa 43 tiegħu, jistabbilixxi dritt ġenerali għal rikors applikabbli għal din id-deċiżjoni. Huma jikkontestaw li l-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 854/2004 japplika biss għall-kompiti tal-veterinarju uffiċjali taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 854/2004, iżda mhux taħt l-Artikolu 5 tiegħu, b'mod partikolari peress li dan ma huwiex konsistenti mad-definizzjoni ta' nuqqas ta' konformità fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 882/2004 u t-tipi ta' miżuri ta' rimedju msemmija fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 882/2004.

23. Ir-rikorrenti jsostnu li rikors għal stħarriġ ġudizzjarju ma jipprovdix għal tali stħarriġ tal-fondatezza u jinvokaw l-Artikolu 47 tal-Karta u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dritt għal rimedju effettiv[13]. Fil-fehma tagħhom, id-dritt ta' operatur tal-biċċerija li jikkontesta l-fondatezza ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 huwa previst mill-Artikolu 17, moqri flimkien mal-Artikolu 47, tal-Karta. Huma jsostnu li l-qerda ta' karkassa bħala prodott sekondarju mill-annimali hija ndħil mhux ġustifikat fid-dritt għall-proprjetà tal-operatur taħt l-Artikolu 17 tal-Karta, li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"QEDB") dwar l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB[14], jimponi obbligi proċedurali fuq l-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-operatur ikun jista' jikkontesta b'mod effettiv il-miżura kkonċernata. Huma jenfasizzaw li, peress li t-tilwima tirrigwarda l-punt dwar jekk laħam huwiex xieraq għall-konsum mill-bniedem, il-proċedura għandha tkun rapida u aċċessibbli, bħal fil-każ tal-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, u li rikors għal stħarriġ ġudizzjarju huwa ta' spiża projbittiva. Huma jżidu li s-soluzzjoni amministrattiva possibbli msemmija fl-osservazzjonijiet tar-Renju Unit hija irrilevanti, peress li hija sussegwenti għat-tilwima fil-kawża prinċipali u, fi kwalunkwe każ, hija ma tikkostitwixxix rimedju effettiv, b'mod partikolari peress li ma għandhiex saħħa legalment vinkolanti u ma tinvolvix proċedura kontradittorja.

24. Ir-Renju Unit isostni li l-ewwel domanda għandha tingħata risposta fl-affermattiv, peress li r-Regolament Nru 854/2004 jipprekludi proċedura, bħall-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, għall-kontestazzjoni tal-fondatezza ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali taħt l-Artikolu 5(2) ta' din il-liġi. Fil-fehma tiegħu, is-sistema stabbilita mill-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 854/2004, li, b'mod differenti mill-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, ma tikkonċernax ir-rettifika tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità, kif ukoll l-Anness I tiegħu, tafda d-deċiżjoni dwar jekk laħam ikunx xieraq għall-konsum mill-bniedem f'idejn il-veterinarju uffiċjali, skont l-esperjenza professjonali u l-ġudizzju mħarreġ tiegħu, u teżiġi li din id-deċiżjoni tkun definittiva. L-użu tal-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990 imur kontra dan ir-regolament, peress li din id-deċiżjoni ma tkunx definittiva u s-setgħa deċiżjonali mogħtija lill-veterinarju uffiċjali tiġi ttrasferita lil membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali li ma jkollux kwalifiki speċjali u li jibbaża ruħu fuq perizji. Ir-Renju Unit isostni li r-Regolament Nru 882/2004 ma jistax jistabbilixxi proċedura ta' rikors li tkun inkompatibbli mar-Regolament Nru 854/2004, peress li dan ir-regolament huwa *lex specialis* li minnha r-Regolament Nru 882/2004 ma jistax jidderoga.

25. Ir-Renju Unit isostni li t-tieni domanda għandha tingħata risposta fin-negattiv, peress li r-Regolament Nru 882/2004 ma jagħtix lok għal dritt għal rikors kontra d-deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 u ebda approċċ li jippermetti rikors fuq il-fondatezza ta' din id-deċiżjoni ma huwa kompatibbli mar-Regolament Nru 854/2004. Fil-fehma tiegħu, l-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 882/2004 ma japplikax għal

[13] Ir-rikorrenti jirreferu, *inter alia*, għas-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2012, Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684), u tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373).

[14] Ir-rikorrenti jirreferu għas-sentenzi tal-1 ta' April 2010, Denisova u Moiseyeva vs Ir-Russja (CE:ECHR:2010:0401JUD001690303), u tat-28 ta' Ġunju 2018, G.I.E.M. *et* vs L-Italja (CE:ECHR:2018:0628JUD000182806).

deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali dwar jekk japplikax marka tas-saħħa, minħabba li din ma tinvolvix azzjoni ta' infurzar kontra operaturi identifikati bħala mhux konformi mal-leġiżlazzjoni dwar l-ikel, u li l-Artikolu 54(3) tiegħu jeżiġi biss li l-informazzjoni dwar id-drittijiet għal rikors tiġi pprovduta lill-operatur ikkonċernat. Hija ssostni li rikors għal stħarriġ ġudizzjarju joffri lill-operatur ta' biċċerija rimedju adegwat kompatibbli mar-Regolament Nru 854/2004 u mad-drittijiet fundamentali. Hija tispjega li tali talba tippermetti lil ċerti qrati nazzjonali jiddikjaraw bħala illegali kwalunkwe deċiżjoni ta' korp pubbliku, li jannullaw din id-deċiżjoni u li jiddeċiedu liema azzjoni għandha tittieħed minflokha, u jekk il-veterinarju uffiċjali ikun wettaq żball ta' liġi, wasal għal deċiżjoni irrazzjonali jew injora l-provi materjali, il-qorti tista' tannulla d-deċiżjoni u tordna li tittieħed mill-ġdid.

26. Ir-Renju Unit isostni li interpretazzjoni tar-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 fis-sens li deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li jirrifjuta li japplika marka tas-saħħa ma tistax tkun is-suġġett ta' rikors fuq il-fondatezza hija kompatibbli mad-dritt għall-proprjetà ta' operatur ta' biċċerija taħt l-Artikolu 17 tal-Karta u l-analogu tiegħu fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB. Huwa jqis li tali ndħil f'dan id-dritt huwa proporzjonat u ġġustifikat mill-interess ġenerali tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB [15], ma jeżiġi ebda dritt għal rikors li jmur lil hinn minn rikors għal stħarriġ ġudizzjarju.

27. Ir-Renju Unit iżid li, minn Jannar 2018, il-FSA adottat soluzzjoni amministrattiva possibbli [16], li skontha, f'każijiet fejn operatur ma jaqbilx mad-determinazzjoni inizjali tal-veterinarju uffiċjali li laħam ma jkunx xieraq għall-konsum mill-bniedem, huwa jista' jitlob l-opinjoni ta' veterinarju kompetenti ieħor u l-veterinarju uffiċjali jista' wkoll jitlob l-opinjoni ta' kollegi iktar anzjani. Il-veterinarju uffiċjali jista' mbagħad jikkunsidra dawn l-opinjonijiet qabel ma jieħu d-deċiżjoni dwar l-immarkar tas-saħħa. Fil-fehma tiegħu, dan il-proċess isaħħaħ rikors għal stħarriġ ġudizzjarju, peress li jippermetti lil operatur jeżiġi li l-veterinarju uffiċjali jieħu inkunsiderazzjoni l-oġġezzjonijiet għall-opinjoni inizjali tiegħu, u b'hekk joħloq eventwali motivi addizzjonali sabiex jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju ta' eventwali deċiżjoni dwar rifjut ta' marka tas-saħħa.

28. Il-Kummissjoni, filwaqt li tindirizza d-domandi fl-ordni inversa, issostni li r-risposta għat-tieni domanda għandha tkun fis-sens li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 u fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, jeżiġi li l-Istati Membri jipprevedu proċedura ta' rikors kontra deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li ma japplikax marka tas-saħħa, u r-regoli proċedurali u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku ta' kull Stat Membru b'mod konformi mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Hija ssostni li, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament Nru 854/2004, japplikaw id-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament Nru 882/2004, u li d-deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004, peress li din id-deċiżjoni tikkonċerna sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità u l-veterinarju uffiċjali jaġixxi f'isem l-awtorità kompetenti. Fil-fehma tagħha, l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004, moqri fid-dawl tal-premessa 43 tiegħu, jeżiġi li l-Istati Membri jipprovdu dritt għal rikors kontra din id-deċiżjoni.

[15] Ir-Renju Unit jirreferi, *inter alia*, għas-sentenzi tal-24 ta' Ottubru 1986, AGOSI vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1986:1024JUD000911880), u tal-4 ta' Marzu 2014, Microintelect OOD vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2014:0304JUD003412903).

[16] FSA, "Process for red meat carcases rejected at post mortem inspection – Approach to considering rejection of red meat carcases at a post mortem inspection', disponibbli fuq is-sit internet tagħha, https://www.food.gov.uk/business-guidance/process-for-red-meat-carcases-rejected-at-post-mortem-inspection.

29. Il-Kummissjoni ssostni li, f'dan il-każ, l-Istati Membri ma humiex meħtieġa li jipprovdu proċedura ta' rikors li tinkludi stħarriġ sħiħ tal-fondatezza, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 u tal-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika segwit mir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004. Fil-fehma tagħha, huwa wkoll essenzjali li jittieħed inkunsiderazzjoni r-rwol tal-veterinarju uffiċjali li jiżgura dan l-għan fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt ir-Regolament Nru 854/2004, li jinvolvu numru ta' determinazzjonijiet fattwali speċifiċi ħafna fir-rigward tal-ispezzjonijiet u tal-marki tas-saħħa.

30. Il-Kummissjoni tqis li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun fis-sens li r-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 ma jipprekludux proċedura, bħal dik prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, li tinkludi deċiżjoni fuq il-mertu tal-każ dwar jekk karkassa tissodisfax ir-rekwiżiti ta' sigurtà tal-ikel. Hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali tagħha, li għandha tiddetermina jekk u sa fejn din il-proċedura tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti b'risposta għat-tieni domanda, b'mod partikolari l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

VI. Analiżi

31. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara jekk ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 jipprekludux proċedura nazzjonali, bħall-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, intiża għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li jirrifjuta li japplika marka tas-saħħa għal laħam meqjus bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem. Din id-domanda hija marbuta mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri sabiex jindikaw il-qrati li għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu kawżi bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni, bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Hija tirrigwarda wkoll id-dritt ta' aċċess għal qorti, li huwa wieħed mill-elementi tad-dritt għal rimedju effettiv taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

32. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004, jeżiġix li l-Istati Membri jipprovdu dritt għal rikors fuq il-fondatezza kontra deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li jirrifjuta li japplika marka tas-saħħa għal laħam meqjus mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem, jew jekk il-portata iktar limitata tal-kontestazzjoni ta' din id-deċiżjoni permezz ta' rikors għal stħarriġ ġudizzjarju hijiex suffiċjenti sabiex tikkonforma ma' dawn ir-regolamenti. Din id-domanda tirrigwarda l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju kif jeżiġi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta u hija marbuta wkoll mad-dritt ta' aċċess għal qorti. Bl-istess mod, għandha tiġi kkunsidrata l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

33. Ninnota li d-domandi magħmula f'din il-kawża għadhom ma ġewx ittrattati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi, għandhom, qabel kollox, jingħataw ċerti osservazzjonijiet preliminari dwar ir-rabta bejn l-Artikolu 47 tal-Karta u l-kawża prinċipali, flimkien mas-sistema ta' sigurtà tal-ikel tal-Unjoni u r-rwol tal-veterinarju uffiċjali f'dan il-kuntest (Taqsima A). Għal raġunijiet loġiċi u legali, sussegwentement ser neżamina, fl-ordni inversa, it-tieni (Taqsima B) u l-ewwel (Taqsima C) domanda, minħabba li l-interpretazzjoni tal-kuntest ġuridiku stabbilit mir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 għall-finijiet tat-tieni domanda hija rilevanti għall-ewwel domanda.

34. Abbażi ta' din l-analiżi, wasalt għall-konklużjoni, fir-rigward tal-ewwel domanda, li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività u mal-Artikolu 47 tal-Karta, jipprekludu proċedura nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990. Fir-rigward tat-tieni domanda, jiena kkonkludejt li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 jeżiġi li l-Istati Membri jipprovdu dritt għal rikors kontra deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 u li dawn id-dispożizzjonijiet, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, ma jipprekludux proċedura stabbilita mid-dritt nazzjonali, bħal rikors għal stħarriġ ġudizzjarju, skont liema l-qorti nazzjonali li twettaq l-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali deċiżjoni ma tkunx tista' tistħarreġ il-fondatezza ta' din id-deċiżjoni.

A. Osservazzjonijiet preliminari

1. L-Artikolu 47 tal-Karta u l-kawża prinċipali

35. Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Unjoni hija unjoni bbażata fuq l-istat tad-dritt li fiha l-individwi għandhom id-dritt li jikkontestaw quddiem il-qrati l-legalità ta' kull deċiżjoni jew miżura nazzjonali oħra marbuta mal-applikazzjoni fir-rigward tagħhom ta' miżura tal-Unjoni [17]. Skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, huma l-qrati tal-Istati Membri li għandhom jiżguraw li d-drittijiet ta' persuna jgawdu minn protezzjoni ġudizzjarja taħt id-dritt tal-Unjoni, u l-Artikolu 19(1) TUE, barra minn hekk, jeżiġi li l-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti biex tiġi żgurata protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Dan ir-rekwiżit min-naħa tal-Istati Membri jikkorrispondi għad-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, li huwa affermazzjoni mill-ġdid tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva [18]. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jinkisru għandu jkollha dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu [19].

36. Kif jidher mill-Artikolu 51(1) tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tagħha huma indirizzati lill-Istati Membri biss meta dawn jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni [20]. Id-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta huma applikabbli fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni u għalhekk għandhom jiġu rrispettati, *inter alia*, fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [21].

37. Barra minn hekk, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja [22], id-dritt għal rimedju effettiv jista' jiġi invokat biss abbażi tal-Artikolu 47 tal-Karta, mingħajr ma jkun neċessarju li l-kontenut tiegħu jkun ippreċiżat minn dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jew minn dispożizzjonijiet tad-dritt intern tal-Istati Membri. Ir-rikonoxximent ta' dan id-dritt f'każ speċifiku jippreżupponi li l-persuna li tinvoka dan id-dritt tibbaża ruħha fuq drittijiet jew libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi kontra interventi arbitrarji jew sproporzjonati tal-awtoritajiet pubbliċi fl-isfera ta' attività privata ta' dawn il-persuni

[17] Ara s-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 31).

[18] Ara s-sentenza tad-29 ta' Jannar 2020, GAEC Jeanningros (C-785/18, EU:C:2020:46, punti 32 u 33).

[19] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Bank Refah Kargaran vs Il-Kunsill (C-134/19 P, EU:C:2020:793, punt 36).

[20] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Edukazzjoni għolja) (C-66/18, EU:C:2020:792, punt 212).

[21] Ara s-sentenza tal-24 ta' Settembru 2020, NK (Pensjonijiet tax-xogħol tal-persunal maniġerjali) (C-223/19, EU:C:2020:753, punt 78).

[22] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, État luxembourgeois (Protezzjoni ġudizzjarja minn talbiet għal informazzjoni fid-dritt fiskali) (C-245/19 u C-246/19, EU:C:2020:795, punti 54 sa 59).

tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jista' jiġi invokat minn tali persuni bħala dritt iggarantit mid-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta, sabiex jiġi kkontestat quddiem qorti att li jikkawża preġudizzju lil dik il-persuna.

38. Fil-kawża prinċipali, operatur ta' biċċerija qiegħed jipprova jikkontesta d-deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li jirrifjuta li japplika marka tas-saħħa għal laħam meqjus bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004. Huwa paċifiku li l-veterinarju uffiċjali ħa din id-deċiżjoni f'isem l-awtorità kompetenti rilevanti, f'dan il-każ il-FSA, abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fehma tiegħi, huwa ċar li l-Karta hija applikabbli f'dawn iċ-ċirkustanzi. Barra minn hekk, persuna ppreġudikata minn din id-deċiżjoni, bħal operatur ta' biċċerija li l-laħam tiegħu ma jkunx irċieva marka tas-saħħa peress li jkun tqies bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem, għandha d-dritt li tinvoka l-Artikolu 47 tal-Karta quddiem qorti fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 854/2004.

2. Is-sistema ta' sigurtà tal-ikel tal-Unjoni

39. Kif imsemmi fl-osservazzjonijiet introduttorji tiegħi, ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 huma strumenti legali ewlenin fil-kontrolli uffiċjali fi ħdan is-sistema ta' sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, li tinkludi ċerti regoli ġenerali applikabbli għall-ikel kollu, flimkien ma' regoli speċifiċi dwar l-iġjene tal-ikel [23].

40. Ir-Regolament Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji bażiċi rigward il-liġi dwar l-ikel u l-għalf, u b'mod partikolari s-sigurtà tal-ikel, fl-Istati Membri u fuq il-livell tal-Unjoni [24], li tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-interessi tal-konsumatur fir-rigward tal-prodotti tal-ikel [25]. Ir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-ikel huma stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 178/2002, li, *inter alia*, jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' ikel li mhux sigur, inkluż dak li mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem [26]. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament, ir-responsabbiltà primarja biex jiġi żgurat li l-ikel ikun sigur taqa' fuq l-operaturi ta' negozji tal-ikel [27]. L-Istati Membri huma meħtieġa jissorveljaw u jivverifikaw li dawn l-operaturi jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ikel u tal-għalf, u jżommu sistema ta' kontrolli uffiċjali għal dan il-għan [28].

41. Ir-Regolament Nru 882/2004 jistabbilixxi regoli ġenerali għall-kontrolli uffiċjali dwar kull tip ta' ikel u għalf [29]. L-għan ta' dan ir-regolament, kif jidher mill-Artikolu 1 tiegħu, huwa, *inter alia*, li jipprevjeni, jelimina jew inaqqas ir-riskji għall-bnedmin u għall-annimali għal livelli aċċettabbli permezz tat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali [30]. Għal dan il-għan, skont l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 882/2004, moqrija fid-dawl tal-premessi 4 u 6 ta' dan ir-regolament, huma l-Istati Membri li għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali sabiex jivverifikaw li l-leġiżlazzjoni dwar

[23] Għal diskussjoni ġenerali, ara B. M. van der Meulen, "The Structure of European Food Law", *Laws*, Vol. 2, 2013, pp. 69-98.

[24] Ara r-Regolament Nru 178/2002, l-Artikolu 1(2); il-premessi 3 sa 5, 10 sa 12. Ara, barra minn hekk, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, L-evalwazzjoni ta' REFIT tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (Regolament Nru 178/2002) (SWD(2018) 38 final, Parti I), 15 ta' Jannar 2018, b'mod partikolari l-punti 1.2 u 2.

[25] Ara r-Regolament Nru 178/2002, l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8; il-premessi 2 u 8.

[26] Ara r-Regolament Nru 178/2002, l-Artikolu 14(1) u (2). Ara, ukoll, is-sentenza tal-11 ta' April 2013, Berger (C-636/11, EU:C:2013:227, punt 34).

[27] Ara r-Regolament Nru 178/2002, l-Artikolu 17(1); il-premessa 30.

[28] Ara r-Regolament Nru 178/2002, l-Artikolu 17(2).

[29] Ara r-Regolament Nru 882/2004, l-Artikolu 1(1); il-premessi 6, 7 u 45. Għad-definizzjoni ta' "kontroll uffiċjali", ara l-Artikolu 2(1)(c) tiegħu. Ara, barra minn hekk, ir-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-operazzjoni kumplessiva ta' kontrolli uffiċjali fl-Istati Membri dwar is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u s-saħħa tal-pjanti (COM(2012) 122 final) tat-23 ta' Marzu 2012.

[30] Ara s-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Kødbranchens Fællesråd (C-112/15, EU:C:2016:185, punt 37).

l-għalf u l-ikel tiġi osservata mill-operaturi tul l-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni[31]. Kif irrikonoxxiet il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rekwiżit li l-kontrolli uffiċjali jkunu effettivi, kif jissemma repetutament fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 882/2004, huwa ta' tħassib ewlieni għal-leġiżlatur tal-Unjoni, li jiddependi primarjament fuq il-kwalità tax-xogħol tal-ispezzjoni mwettaq mill-veterinarji uffiċjali u mill-awżiljarji uffiċjali[32].

42. Flimkien mar-Regolament Nru 882/2004, ir-regoli dwar il-kontrolli uffiċjali jinsabu fir-Regolament Nru 854/2004, li huwa parti mill-"pakkett tal-Unjoni dwar l-iġjene tal-ikel" – li jinkludi wkoll ir-Regolamenti Nru 852/2004 u Nru 853/2004 – bl-għan li tiġi kkonsolidata, issemplifikata u aġġornata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar ir-rekwiżiti tal-iġjene tal-ikel[33]. Ir-Regolament Nru 852/2004 jirrigwarda regoli ġenerali dwar l-iġjene ta' prodotti tal-ikel[34], filwaqt li r-Regolament Nru 853/2004 jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar l-iġjene ta' ikel li ġej mill-annimali[35], u l-għan ewlieni tagħhom huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel[36]. L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 853/2004 għandu importanza speċjali hawnhekk, peress li ġeneralment jipprojbixxi lill-operaturi milli jqiegħdu fis-suq prodott li ġej mill-annimali, bħal-laħam, sakemm ma jkollux marka tas-saħħa applikata skont ir-Regolament Nru 854/2004[37]. Dak ir-regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali rigward il-laħam u prodotti oħra mill-annimali[38]. Kif indikat mill-premessa 4 tar-Regolament Nru 854/2004, wieħed mill-għanijiet ewlenin tiegħu huwa li tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u, skont il-premessi 8 u 9 tiegħu, huma meħtieġa kontrolli uffiċjali fuq il-laħam sabiex jiġi vverifikat li l-operaturi jikkonformaw mar-regoli ta' iġjene u, fid-dawl tal-perizja speċifika tagħhom, il-veterinarji uffiċjali huma fdati l-kompitu li jwettqu spezzjonijiet u kompiti oħra fil-biċċeriji[39].

43. B'mod partikolari, f'termini ta' emendi tad-dritt tal-Unjoni li saru wara l-fatti fil-kawża prinċipali iżda rilevanti għal din il-kawża, ir-Regolament (UE) 2017/625[40] jintegra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontrolli uffiċjali f'qafas leġiżlattiv wieħed[41], u b'hekk jissostitwixxi, *inter alia*,

31 Ara s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, Pollo del Campo *et* (C-199/18, C-200/18 u C-343/18, EU:C:2019:718, punt 33).

32 Ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Exportslachterij J. Gosschalk *et* (C-477/18 u C-478/18, EU:C:2019:1126, punti 57 u 60).

33 Ara r-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-iġjene (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, (KUMM(2009) 403 final), tat-28 ta' Lulju 2009, b'mod partikolari l-punt 2.

34 Ara r-Regolament Nru 852/2004, l-Artikolu 1(1); il-premessa 8.

35 Ara r-Regolament Nru 853/2004, l-Artikolu 1(1); il-premessa 2.

36 Ara r-Regolament Nru 852/2004, il-premessa 7, ir-Regolament Nru 853/2004, il-premessi 9 u 10. Ara, ukoll, is-sentenzi tat-2 ta' Mejju 2019, T. Boer & Zonen (C-98/18, EU:C:2019:355, punt 44), u tat-12 ta' Settembru 2019, A *et* (C-347/17, EU:C:2019:720, punt 43).

37 Jew, f'każijiet rilevanti, marka ta' identifikazzjoni. Ara r-Regolament Nru 853/2004, l-Artikolu 5(1); il-premessa 15. Id-definizzjoni ta' "prodotti li ġejjin mill-annimali" u tat-termini marbuta mal-laħam jinsabu fl-Anness I ta' dan ir-regolament, punti 1 u 8.

38 Ara r-Regolament Nru 854/2004, l-Artikolu 1(1); il-premessa 2.

39 Ara s-sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, Cypra (C-402/13, EU:C:2014:2333, punt 17).

40 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU 2017, L 95, p. 1, rettifika fil-ĠU 2017, L 137, p. 40).

41 Ara r-Regolament 2017/625, l-Artikolu 1; il-premessi 19, 20, 43 u 92. Skont l-Artikolu 167 tiegħu, huwa japplika mill-14 ta' Diċembru 2019 suġġett għal ċerti eċċezzjonijiet.

ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004. Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627[42] jinkludi dispożizzjonijiet simili għal dawk tar-Regolament Nru 854/2004 inkwistjoni f'din il-kawża.

3. Ir-rwol tal-veterinarju uffiċjali

44. Għandu jiġi rrilevat ukoll li, kif diġà ssemma, il-veterinarju uffiċjali għandu rwol ċentrali fis-sistema tal-kontrolli uffiċjali tal-laħam[43], kif stabbilit fir-Regolament Nru 854/2004 u fl-annessi tiegħu li jakkumpanjawh. Veterinarju uffiċjali huwa ddefinit fir-Regolament Nru 854/2004 bħala veterinarju kkwalifikat, skont dan ir-regolament, biex jaġixxi f'tali kariga u maħtur mill-awtorità kompetenti[44]. L-Anness I, Taqsima III, Kapitolu IV tar-Regolament Nru 854/2004 jispeċifika l-kwalifiki professjonali tal-veterinarju uffiċjali, f'termini ta' għarfien u taħriġ speċjalizzat, li għandhom jiġu ssodisfatti f'dan ir-rigward. Minħabba l-istatus u l-esperjenza professjonali tiegħu, il-veterinarju uffiċjali jista' jitqies bħala l-persuna l-aħjar ikkwalifikata sabiex twettaq spezzjonijiet fl-Istati Membri u toffri, għalhekk, garanziji xierqa ta' kompetenza u uniformità tar-rekwiżiti sanitarji applikabbli għal-laħam[45].

45. F'dan ir-rigward, l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament Nru 854/2004, flimkien mal-Anness I, Taqsima I tiegħu, jiddefinixxu l-kompiti, ġeneralment marbuta mal-verifika, l-ispezzjonijiet ante-mortem u post-mortem u l-immarkar tas-saħħa, li jitwettqu mill-veterinarju uffiċjali, li jista' jkun assistit minn oħrajn, bħal awżiljarji uffiċjali, li huma wkoll imħarrġa apposta[46]. L-Artikolu 5(2) ta' dan ir-regolament jipprovdi li l-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li marka tas-saħħa tiġi applikata għal laħam "fejn kontrolli uffiċjali ma jkunu identifikaw ebda defiċjenzi li jirrendu l-laħam mhux tajjeb għall-konsum uman"[47]. Barra minn hekk, l-Anness I, Taqsima II, Kapitolu V tar-Regolament Nru 854/2004 jistabbilixxi d-deċiżjonijiet dwar il-laħam meħuda mill-veterinarju uffiċjali wara kontrolli uffiċjali, li jinvolvu lista ta' 21 raġuni li abbażi tagħhom il-laħam għandu jiġi ddikjarat mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem, inkluż fejn, bħal f'dan il-każ, il-laħam ikun ġej minn annimali affettwati minn marda ġġeneralizzata, bħal pijemija, jew fejn, fl-opinjoni tal-veterinarju uffiċjali wara eżami tal-informazzjoni rilevanti kollha, il-laħam jista' jikkostitwixxi riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali jew, għal kwalunkwe raġuni oħra, ma jkunx adatt għall-konsum mill-bniedem[48].

46. Konsegwentement, mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 854/2004 jidher li l-leġiżlatur tal-Unjoni inkariga lill-veterinarju uffiċjali bir-responsabbiltà li jiżgura li l-laħam imqiegħed fis-suq ikun xieraq għall-konsum mill-bniedem u b'hekk li jiżgura l-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika segwit minn dan ir-regolament[49], kif ukoll b'mod ġenerali mis-sistema ta' sigurtà tal-ikel

[42] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU 2019, L 131, p. 51, rettifika fil-ĠU 2019, L 325, p. 183). Skont l-Artikolu 75 tiegħu, huwa japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

[43] Ara l-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (COM(2002) 377 final), 11 ta' Lulju 2002 (iktar 'il quddiem il-"Proposta"), Memorandum ta' Spjegazzjoni, punti 5 u 8. Ara wkoll il-punti 41 u 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[44] Ara r-Regolament Nru 854/2004, l-Artikolu 2(1)(f). Għad-definizzjoni ta' "awtorità kompetenti", ara l-Artikolu 2(1)(c) tagħha; ir-Regolament Nru 882/2004, l-Artikolu 2(4).

[45] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' April 1997, Bakers of Nailsea (C-27/95, EU:C:1997:188, punti 35 u 36).

[46] Ara r-Regolament Nru 854/2004, l-Artikolu 5(4) sa (7); l-Anness I, it-Taqsima III. Ara, ukoll, is-sentenzi tal-5 ta' Novembru 2014, Cypra (C-402/13, EU:C:2014:2333, punt 19), u tas-17 ta' Marzu 2016, Kødbranchens Fællesråd (C-112/15, EU:C:2016:185, punt 29).

[47] Ara wkoll ir-Regolament Nru 854/2004, Anness I, Taqsima I, Kapitolu III, punt 2(a).

[48] Ara r-Regolament Nru 854/2004, Anness I, Taqsima II, Kapitolu V, punt 1(f) u (u).

[49] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' April 1997, Daut (C-105/95, EU:C:1997:189, punt 20).

tal-Unjoni[50]. Barra minn hekk, il-veterinarju uffiċjali għandu setgħa diskrezzjonali skont ir-Regolament Nru 854/2004[51], ibbażata fuq il-perizja speċjali tiegħu, sabiex jiddeċiedi dwar jekk laħam ikunx xieraq għall-konsum mill-bniedem. Huwa f'dan il-kuntest li għandhom jiġu eżaminati d-domandi mqajma minn din il-kawża.

B. Domanda 2

47. Kif issemma fil-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet, it-tieni domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja hija dwar jekk l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004, jeżiġix li l-Istati Membri jipprovdu dritt għal rikors fuq il-fondatezza kontra d-deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li jirrifjuta li japplika marka ta' saħħa għal laħam meqjus bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem. Konsegwentement, l-ewwel ser neżamina jekk l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 huwiex applikabbli għal deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 (Taqsima 1). Imbagħad ser neżamina l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' din id-deċiżjoni (Taqsima 2).

1. Applikabbiltà tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004

48. Skont l-argumenti mressqa mir-Renju Unit, l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 ma huwiex applikabbli għal deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004, u din id-dispożizzjoni lanqas ma timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprovdu dritt għal rikors kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti meħuda skont l-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 882/2004, iżda sempliċement tobbliga lil dawn l-awtoritajiet jipprovdu informazzjoni dwar tali dritt sa fejn ikun jeżisti. Ir-rikorrenti u l-Kummissjoni huma ta' fehma differenti.

49. Għandi nippreċiża qabel kollox li naqbel mar-rikorrenti u mal-Kummissjoni li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 jipprovdi dritt għal rikors kontra deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004. Ir-raġunijiet li għalihom wasalt għal din il-konklużjoni huma s-segwenti.

50. Għandu jiġi rrilevat li r-Regolament Nru 854/2004 ma jinkludi l-ebda regola dwar id-drittijiet għal rikors f'dak li jirrigwarda deċiżjonijiet ta' veterinarji uffiċjali. Mill-Artikolu 1(1a) ta' dan ir-regolament huwa ċar li dan japplika flimkien mar-Regolament Nru 882/2004 u li, skont l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 882/2004, dan ir-regolament ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni dwar il-kontrolli uffiċjali. Konsegwentement, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament Nru 854/2004 dwar id-drittijiet għal rikors kontra deċiżjonijiet ta' veterinarji uffiċjali, għandu jsir riferiment għad-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament Nru 882/2004.

51. L-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 jirrigwarda l-azzjoni li l-awtorità kompetenti għandha tieħu, skont l-Artikolu 54(1) ta' dan ir-regolament, sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' konformità. Skont din id-dispożizzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi

[50] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 25 ta' dawn il-konklużjonijiet; ara wkoll, pereżempju, il-premessa 1 tar-Regolament Nru 852/2004; is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Reindl (C-443/13, EU:C:2014:2370, punt 28).

[51] Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, A *et* (C-347/17, EU:C:2019:720, punti 65 sa 69), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża A *et* (EU:C:2018:974, punti 82 u 83 kif ukoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 25).

lill-operatur ikkonċernat notifika bil-miktub tad-deċiżjoni tagħha dwar l-azzjoni li għandha tittieħed u dwar il-motivi ta' din id-deċiżjoni, kif ukoll "informazzjoni dwar id-drittijiet ta' appell kontra dawk id-deċiżjonijiet u dwar il-proċeduri applikabbli u l-limiti ta' żmien".

52. Fil-fehma tiegħi, deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li tirrifjuta l-applikazzjoni ta' marka tas-saħħa għal laħam meqjus bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 tista' tiġi kkaratterizzata bħala sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità fis-sens tal-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 882/2004.

53. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li t-terminu "nuqqas ta' konformità" huwa ddefinit b'mod wiesa' fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament Nru 882/2004 bħala "nuqqas ta' konformità mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel u mar-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-welfare". Barra minn hekk, is-subparagrafu (b) tal-Artikolu 54(2) ta' dan ir-regolament isemmi, b'mod partikolari, miżuri li jillimitaw jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' ikel, u din id-dispożizzjoni għandha wkoll kamp ta' applikazzjoni wiesa', għaliex is-subparagrafu (h) tagħha jirreferi għal "kwalunkwe miżura oħra li l-awtorità kompetenti tqis xierqa". Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 178/2002 (ara l-punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet), l-ebda ikel ma jista' jitqiegħed fis-suq jekk jitqies li ma huwiex xieraq għall-konsum mill-bniedem. Mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 jirriżulta li r-rifjut ta' veterinarju uffiċjali li japplika marka tas-saħħa għandu preċiżament l-effett li jiddikjara laħam bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem u li jwaqqfu milli jitqiegħed fis-suq. Kif tenfasizza l-Kummissjoni, huwa wkoll paċifiku li d-deċiżjoni tal-veterinarju uffiċjali dwar il-marka tas-saħħa ttieħdet f'isem l-awtorità kompetenti, jiġifieri l-FSA, f'dan il-każ.

54. Kuntrarjament għall-argumenti mressqa mir-Renju Unit, jidhirli li din hija sitwazzjoni li għandha tiġi rrimedjata permezz ta' miżura ta' infurzar. Hawnhekk, din hija kwistjoni ta' tneħħija ta' laħam li huwa ta' perikolu għas-saħħa pubblika billi jiġi deċiż li ma tiġix applikata marka tas-saħħa. Kif jindikaw ir-rikorrenti, ma hemmx distinzjoni bejn l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament Nru 854/2004 fir-rigward tad-deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet kompetenti li huma suġġetti għall-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 882/2004, b'mod partikolari peress li dan imur kontra l-kunċett wiesa' ta' nuqqas ta' konformità fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 882/2004 u tal-miżuri previsti fl-Artikolu 54(2) tiegħu. L-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 854/2004 jgħid ukoll li l-kontrolli uffiċjali għall-finijiet tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament jinkludu dawk speċifikati fl-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament.

55. Nirrikonoxxi li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 jirreferi għal obbligu tal-awtorità kompetenti sabiex tipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet għal rikors. Madankollu, il-premessa 43 ta' dan ir-regolament tipprovdi "[l]-operaturi għandu jkollhom id-dritt ta' appell kontra id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti bħala riżultat tal-kontrolli uffiċjali, u għandhom ikunu informati b'dak id-dritt"[52]. Għaldaqstant, abbażi ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 fid-dawl tal-premessa 43 tiegħu, hemm lok li jiġi kkunsidrat li din id-dispożizzjoni teżiġi li l-Istati Membri jipprovdu dritt għal rikors kontra deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti, li jinkludu deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004.

[52] Għandu jiġi rrilevat li, kif indikat mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tal-premessa 43 ("Unternehmer sollten […] Rechtsmittel einlegen können") u b'mod partikolari tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 ("sein Widerspruchsrecht") tidher li hija differenti mill-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra li jużaw formulazzjoni simili għall-verżjoni bil-lingwa Ingliża ta' dawn id-dispożizzjonijiet; ara, pereżempju, il-verżjoni bil-lingwa Franċiża tal-premessa 43 ("Les exploitants devraient avoir un droit de recours") u tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 ("des informations sur ses droits de recours contre de telles décisions, ainsi que sur la procédure et les délais applicables").

56. Din l-analiżi tidher konformi mal-oriġini tar-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004. B'mod partikolari, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni tar-Regolament Nru 854/2004 ma kien fiha ebda dispożizzjoni dwar id-dritt għal rikors [53], fl-ewwel qari tagħha, il-Parlament Ewropew ippropona li tiġi inkluża dispożizzjoni, li tgħid: "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċeduri adegwati ta' rikors ikunu disponibbli għall-operaturi ta' negozji tal-ikel. L-użu minn din il-possibbiltà ta' rikors ma jistax jirriżulta fi kwalunkwe dewmien jew posponiment tal-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-regolament" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [54]. Il-ġustifikazzjoni kienet li "[i]l-produtturi għandu jkollhom l-opportunità li jippreżentaw rikors kontra kwalunkwe deċiżjoni li huma jqisu li ma hijiex iġġustifikata" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [55]. Bl-istess mod, il-Kunsill żied dispożizzjoni mat-test propost, li kienet prattikament identika għall-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 [56]. Fir-risposta, il-Kummissjoni qieset li d-drittijiet għal rikors għandhom jiġu ttrattati fir-regolament propost dwar il-kontrolli uffiċjali tal-għalf u tal-ikel [57], li rriżulta fir-Regolament Nru 882/2004. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet proposti dwar id-dritt għal rikors ma dehrux fit-test finali tar-Regolament Nru 854/2004 kif ġie adottat.

57. Konsegwentement, mill-ftehim ta' esklużjoni tad-dispożizzjonijiet proposti dwar id-drittijiet għal rikors fir-Regolament Nru 854/2004 jista' jiġi dedott favur dawk li jinsabu fir-Regolament Nru 882/2004 li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 huwa applikabbli għad-deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti fil-kuntest tar-Regolament Nru 854/2004. Mill-proposta tal-Parlament jidher ukoll li tali dispożizzjoni ma kinitx tirrigwarda biss dritt li tiġi rċevuta informazzjoni, iżda kienet intiża sabiex tiggarantixxi li l-operaturi jkollhom dritt għal rikors kontra d-deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti li jikkawżawlhom preġudizzju.

58. Għandu jingħad ukoll li din l-analiżi tidher li hija konformi mar-Regolament 2017/625 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/627, li ssostitwixxew ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 (ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet). Minbarra dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għall-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 [58], kif ukoll l-Artikolu 54(3) u l-premessa 43 tar-Regolament Nru 882/2004 [59], ir-Regolament Nru 2017/625 jinkludi dispożizzjoni speċifika, l-Artikolu 7, intitolat "Dritt għal appell [rikors]", li jipprovdi li deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti, kif imsemmija fih, li jikkonċernaw persuni fiżiċi u ġuridiċi għandhom ikunu suġġetti għad-dritt għal rikors ta' tali persuni skont id-dritt nazzjonali, u li tali dritt ma jaffettwax l-obbligu ta' dawn l-awtoritajiet li jieħdu azzjoni immedjata skont l-imsemmi regolament. L-Artikolu 45 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/627 jindika barra minn hekk b'mod espliċitu li l-"miżuri f'każijiet ta' *nonkonformità* mar-rekwiżiti għal-laħam frisk" jindikaw dawk relatati mad-diversi raġunijiet li abbażi tagħhom il-veterinarju uffiċjali jiddikjara laħam bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem, bħal meta l-laħam ikun ġej minn annimali affettwati mill-pijemija [60].

[53] Ara l-Proposta, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[54] Ara l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari dwar il-Proposta, 5 ta' Ġunju 2003, Anness I, Kapitolu 1, Taqsima II.A, abbozz tal-punt 5.

[55] Ara r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-Proposta, A5–0156/2003, 7 ta' Mejju 2003, emenda proposta 70.

[56] Ara, pereżempju, Dok 11104/03 ADD 3, 11 ta' Lulju 2003, p. 15, Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 3/2004 dwar il-Proposta, tas-27 ta' Ottubru 2003 (ĠU 2004, C 48 E, p. 82), abbozz tal-Artikolu 9(3) u d-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet tal-Kunsill, Parti III.B.

[57] Ara, f'dan ir-rigward, il-Proposta emendata tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (COM(2003) 577 final), 21 ta' Ottubru 2003, Memorandum ta' Spjegazzjoni, punt 11.

[58] Ara r-Regolament 2017/625, l-Artikolu 18(4); ara wkoll l-Artikolu 3(51) u l-Artikolu 18(5) tiegħu; ir-Regolament 2019/627, l-Artikolu 1(d) u l-Artikolu 48(2)(a); il-premessa 17.

[59] Ara r-Regolament 2017/625, l-Artikolu 138(3); il-premessa 30.

[60] Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/627, l-Artikolu 45(f). Enfasi miżjuda.

59. Għalhekk inqis li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 huwa applikabbli għal deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004. Fi kwalunkwe każ, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 ma huwiex applikabbli għal tali deċiżjoni, dan bl-ebda mod ma jikkontesta d-dritt għal rikors ta' operatur ta' biċċerija kontra din id-deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 47 tal-Karta f'dawn iċ-ċirkustanzi (ara l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet).

2. Il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju

60. Kif jidher mill-osservazzjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti u r-Renju Unit ma jaqblux dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004. Essenzjalment, ir-rikorrenti jsostnu li, sabiex id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv jiġi rrispettat, tali stħarriġ għandu jirrigwarda l-fondatezza ta' din id-deċiżjoni, kif previst mill-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, filwaqt li r-Renju Unit isostni li dan it-tip ta' stħarriġ ma huwiex awtorizzat mir-Regolament Nru 854/2004 u li rikors għal stħarriġ ġudizzjarju huwa suffiċjenti. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li l-istħarriġ ġudizzjarju fuq il-mertu ma huwiex meħtieġ mill-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 u fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, u li dan huwa suġġett f'idejn l-Istati Membri, bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

61. Konsegwentement, nirrileva li l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex dwar jekk hemmx nuqqas ta' xi dritt għal rikors disponibbli għal operatur ta' biċċerija f'dawn iċ-ċirkustanzi, iżda pjuttost dwar l-effettività tar-rimedju li għandu dan l-operatur skont id-dritt nazzjonali sabiex jikkontesta deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 quddiem qorti nazzjonali, jiġifieri jekk dan ir-rimedju għandux iwassal għal stħarriġ ġudizzjarju tal-fondatezza ta' din id-deċiżjoni sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

62. Jiena kkonkludejt li l-portata iktar limitata tal-istħarriġ ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li tirrifjuta l-applikazzjoni ta' marka tas-saħħa għal laħam meqjus bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem minn qorti nazzjonali, bħal dik ikkonċernata f'rikors għal stħarriġ ġudizzjarju, hija konformi mal-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 u fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, u li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-fondatezza ta' din id-deċiżjoni ma huwiex meħtieġ. Jiena wasalt għal din il-konklużjoni abbażi tar-raġunijiet li ġejjin.

63. Għandu jiġi rrilevat li, kif rajna fil-punt 9 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 ma jinkludi ebda regola dwar l-eżerċizzju tad-dritt għal rikors imsemmi fih.

64. Skont ġurisprudenza stabbilita, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, hija s-sistema legali ta' kull Stat Membru, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, li għandha tindika l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni u li għandha tistabbilixxi r-regoli proċedurali ddettaljati applikabbli għar-rikorsi intiżi għall-protezzjoni tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dawn ir-regoli ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili interni (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma għandhomx jirrendu impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni

(prinċipju ta' effettività)[61]. Barra minn hekk, kif irrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, minkejja l-assenza ta' regoli tal-Unjoni dwar il-proċeduri sabiex jitressqu azzjonijiet quddiem il-qrati nazzjonali, u sabiex tiġi ddeterminata l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet nazzjonali adottati skont miżura tal-Unjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-iskop ta' din il-miżura u għandu jiġi żgurat li l-effikaċja tagħha ma tiġix ippreġudikata[62].

65. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat domandi dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet amministrattivi mill-qrati nazzjonali fil-kuntest tal-ġurisprudenza tagħha dwar il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Pereżempju, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, East Sussex County Council[63], kienet tikkonċerna talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti tar-Renju Unit dwar jekk kienx hemm nuqqas ta' kompatibbiltà ma' direttiva tal-Unjoni dwar id-dritt ta' aċċess għal informazzjoni ambjentali jekk in-natura raġonevoli tat-tariffa għall-provvista ta' din l-informazzjoni kienet suġġetta għal stħarriġ amministrattiv u ġudizzjarju limitat kif previst mid-dritt tar-Renju Unit.

66. Fis-sentenza tagħha[64], il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal din id-domanda fin-negattiv. B'mod partikolari, hija rrilevat li d-direttiva tal-Unjoni ma kinitx tispeċifika l-portata tal-istħarriġ amministrattiv u ġudizzjarju meħtieġ u għalhekk kien id-dritt nazzjonali li kellu jiddetermina din il-portata, bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività[65]. Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li, skont id-dritt nazzjonali, l-istħarriġ kien limitat għall-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni meħuda mill-awtorità pubblika kinitx irrazzjonali, illegali jew inġusta, b'portata limitata għall-istħarriġ tal-konklużjonijiet fattwali rilevanti li waslet għalihom dik l-awtorità[66]. Filwaqt li bbażat ruħha fuq ġurisprudenza preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li proċedura għal stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet ta' awtoritajiet amministrattivi li tkun limitata fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' kwistjonijiet ta' fatt ma tmurx kontra l-prinċipju ta' effettività, sakemm tippermetti lill-qorti nazzjonali adita b'rikors għall-annullament ta' tali deċiżjoni tapplika b'mod effettiv il-prinċipji u r-regoli rilevanti tad-dritt tal-Unjoni hija u tistħarreġ il-legalità ta' dik id-deċiżjoni[67].

67. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat ukoll regoli proċedurali nazzjonali relatati mal-portata ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet amministrattivi abbażi tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta f'diversi kuntesti[68]. Fil-fatt, kawżi, bħal din preżenti, li jinvolvu rimedji mogħtija lil persuni li jfittxu protezzjoni ġudizzjarja

[61] Ara s-sentenzi tad-9 ta' Lulju 2020, Vueling Airlines (C-86/19, EU:C:2020:538, punt 39), u tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 223).

[62] Ara s-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Craeynest *et* (C-723/17, EU:C:2019:533, punt 46).

[63] C-71/14, EU:C:2015:656, punti 17 sa 26 u 46.

[64] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, East Sussex County Council (C-71/14, EU:C:2015:656, punt 61).

[65] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, East Sussex County Council (C-71/14, EU:C:2015:656, punti 50, 51 u 53).

[66] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, East Sussex County Council (C-71/14, EU:C:2015:656, punt 57).

[67] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, East Sussex County Council (C-71/14, EU:C:2015:656, punt 58) (li tirreferi għas-sentenzi tal-21 ta' Jannar 1999, Upjohn (C-120/97, EU:C:1999:14, punti 30, 35 u 36), u tad-9 ta' Ġunju 2005, HLH Warenvertrieb u Orthica (C-211/03, C-299/03 u C-316/03 sa C-318/03, EU:C:2005:370, punti 75 sa 77 u 79)).

[68] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373, b'mod partikolari l-punti 75 sa 89); tat-12 ta' Lulju 2018, Banger (C-89/17, EU:C:2018:570, punti 42 sa 52); u tal-24 ta' Novembru 2020, Minister van Buitenlandse Zaken (C-225/19 u C-226/19, EU:C:2020:951, punti 40 sa 56). Għal diskussjoni usa' dwar l-interazzjoni bejn il-prinċipju ta' effettività u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 47 tal-Karta, ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Banger (C-89/17, EU:C:2018:225, punti 99 sa 103) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Braathens Regional Aviation (C-30/19, EU:C:2020:374, punti 66 sa 69).

effettiva tad-drittijiet tagħhom ibbażati fuq id-dritt tal-Unjoni jorbtu direttament mal-Artikolu 47 tal-Karta, minħabba li koordinazzjoni mal-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 13 tal-KEDB hija tal-ogħla importanza [69].

68. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta jinkludi diversi elementi, inklużi d-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, id-dritt ta' aċċess għal qorti u d-dritt li wieħed jingħata parir, jiġi difiż u jiġi rrappreżentat [70]. Fir-rigward, b'mod partikolari, tad-dritt ta' aċċess għal qorti skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex tali qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar tilwima rigward drittijiet u obbligi skont id-dritt tal-Unjoni, hija għandu jkollha s-setgħa li tikkunsidra l-kwistjonijiet kollha ta' fatt u ta' liġi li huma rilevanti għall-kawża quddiemha [71]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jimplika li deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva li ma tissodisfax hija stess il-kundizzjonijiet ta' indipendenza u imparzjalità għandha tkun suġġetta għal kontroll sussegwenti minn korp ġudizzjarju li għandu, b'mod partikolari, ikollu ġurisdizzjoni biex jikkunsidra l-kwistjonijiet rilevanti kollha [72].

69. Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-konformità mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva abbażi tal-Artikolu 47 tal-Karta għandha tiġi eżaminata skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, inklużi n-natura tal-att inkwistjoni, il-kuntest li fih ġie adottat u r-regoli legali li jirregolaw il-materja kkonċernata [73]. Għalhekk, kif jirrilevaw il-kummentaturi, ma jeżistix standard uniformi wieħed għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet amministrattivi mill-qrati nazzjonali f'kawżi li jinvolvu l-Artikolu 47 tal-Karta [74].

70. Gwida ulterjuri tista' tiġi dedotta mill-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 13 tal-KEDB, li fid-dawl tagħhom għandu jiġi interpretat l-Artikolu 47 tal-Karta [75]. Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB, il-QEDB ddeċidiet li r-rekwiżit li qorti għandu jkollha "ġurisdizzjoni sħiħa" huwa ssodisfatt fejn hija eżerċitat "ġurisdizzjoni suffiċjenti" jew ipprovdiet "stħarriġ suffiċjenti" fil-proċeduri quddiemha. Dan jirrifletti l-fatt li ta' spiss jiġri, fir-rigward ta' rikorsi tad-dritt amministrattiv fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, li l-portata ta' stħarriġ ġudizzjarju fuq il-fatti tal-kawża tkun limitata u li huwa karatteristiku tal-proċeduri ta' stħarriġ li l-awtoritajiet kompetenti jistħarrġu l-proċeduri preċedenti pjuttost milli jieħdu deċiżjonijiet fattwali. Għalhekk, l-Artikolu 6 tal-KEDB ma għandux, fil-prinċipju, ir-rwol li jiggarantixxi aċċess għal qorti li tista' tissostitwixxi l-evalwazzjoni jew l-opinjoni tagħha

[69] Ara, f'dan ir-rigward, S. Prechal, u R. Widdershoven, "Redefining the Relationship between 'Rewe-effectiveness' and Effective Judicial Protection", *Review of European Administrative Law*, Vol. 4, 2011, pp. 31-50, f'pp. 47-48; Widdershoven, R., "National Procedural Autonomy and General EU Law Limits", *Review of European Administrative Law*, Vol. 12, 2019, pp. 5-34, f'pp. 21-27.

[70] Ara s-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Sacko (C-348/16, EU:C:2017:591, punt 32).

[71] Ara s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2012, Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684, punt 49). Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, dan huwa aspett tal-essenza tal-Artikolu 47 tal-Karta għall-finijiet tal-Artikolu 52(1) tagħha: ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, État luxembourgeois (Protezzjoni ġudizzjarja minn talbiet għal informazzjoni fid-dritt fiskali) (C-245/19 u C-246/19, EU:C:2020:795, punt 66).

[72] Ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, El Hassani (C-403/16, EU:C:2017:960, punt 39). F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dikjarazzjonijiet u konstatazzjonijiet ta' awtoritajiet amministrattivi ma jistgħux jorbtu lill-qrati: ara s-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punti 65 sa 69).

[73] Ara s-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Sacko (C-348/16, EU:C:2017:591, punt 41); ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Banger (C-89/17, EU:C:2018:225, punti 104 sa 107).

[74] Ara, f'dan ir-rigward, R. Widdershoven, "The European Court of Justice and the Standard of Judicial Review", f'J. de Poorter *et al.* (edituri), *Judicial Review of Administrative Discretion in the Administrative State*, Asser Press, 2019, pp. 39-62, f'p. 58.

[75] Ara s-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Toma u Biroul Executorului Judecătoresc Horațiu-Vasile Cruduleci (C-205/15, EU:C:2016:499, punti 40 u 41). Skont l-ispjegazzjonijiet dwar l-Artikolu 47 tal-Karta, il-protezzjoni prevista fl-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni hija iktar estiża minn dik prevista fl-Artikolu 13 tal-KEDB, peress li tiggarantixxi d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti, u t-tieni paragrafu ta' din id-dispożizzjoni ma huwiex limitat għat-tilwim dwar id-drittijiet u l-obbligi tad-dritt ċivili, kif huwa l-każ fl-Artikolu 6 tal-KEDB.

stess għal dik tal-awtoritajiet amministrattivi, u l-QEDB insistiet b'mod partikolari fuq ir-rispett li għandu jingħata lid-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet amministrattivi għal raġunijiet ta' konvenjenza u li ta' spiss jimplikaw oqsma legali speċjalizzati [76].

71. Fl-evalwazzjoni dwar jekk il-portata tal-istħarriġ imwettaq minn qorti hijiex biżżejjed, il-QEDB tieħu inkunsiderazzjoni s-setgħat tal-korp ġudizzjarju inkwistjoni, flimkien ma' tali fatturi bħal: (a) is-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari, jekk kinitx tikkonċerna jew le kwistjoni speċjalizzata li teħtieġ għarfien jew esperjenza professjonali u jekk kinitx tinvolvi l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni amministrattiva u, jekk iva, sa liema punt; (b) il-mod li bih ġiet adottata din id-deċiżjoni, b'mod partikolari, il-garanziji proċedurali disponibbli fil-proċedura quddiem il-korp ġudizzjarju; u (c) il-kontenut tat-tilwima, inklużi l-aggravji mixtieqa u attwali [77]. Jekk l-istħarriġ huwiex suffiċjenti jew le għalhekk jiddependi fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ speċifiku [78]. Il-prinċipju ta' "ġurisdizzjoni sħiħa" ġie interpretat b'mod flessibbli, b'mod partikolari f'kawżi ta' dritt amministrattiv fejn il-ġurisdizzjoni tal-qorti kienet ristretta minħabba n-natura teknika tas-suġġett tat-tilwima [79].

72. Pereżempju, fl-applikazzjoni ta' dawn il-fatturi, il-QEDB ma kkonstatat ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB f'ċirkustanzi fejn il-qorti ma setgħetx tissostitwixxi d-deċiżjoni tagħha stess flok dik tal-awtorità amministrattiva u l-ġurisdizzjoni tagħha fuq il-fatti kienet limitata, iżda setgħet tannulla d-deċiżjoni għal diversi raġunijiet u s-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata kien "eżerċizzju klassiku ta' diskrezzjoni amministrattiva" f'qasam legali speċjalizzat imwettaq fil-kuntest tal-garanzija tal-iffissar ta' normi u tal-osservanza tal-leġiżlazzjoni applikabbli skont għanijiet ta' interess ġenerali [80]. Barra minn hekk, il-QEDB ikkonstatat diversi drabi li r-rimedju ta' stħarriġ ġudizzjarju previst mid-dritt tar-Renju Unit kien joffri stħarriġ suffiċjenti skont l-Artikolu 6(1) tal-KEDB [81].

73. Min-naħa l-oħra, il-QEDB ikkonstatat ksur tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB meta l-qorti qieset lilha nnifisha marbuta mill-konstatazzjonijiet preċedenti tal-awtorità amministrattiva li kienu determinanti għas-soluzzjoni tal-kawża mingħajr ma eżaminat il-kwistjonijiet b'mod indipendenti [82], jew kienet prekluża milli tiddeċiedi l-kwistjoni ċentrali inkwistjoni, li kienet tinvolvi sempliċi kwistjoni ta' fatt li la kienet teħtieġ ċertu livell ta' għarfien jew ta' esperjenza professjonali u lanqas l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni amministrattiva skont għanijiet politiċi iktar wiesgħa u għalhekk setgħet tiġi deċiża minn qorti mhux speċjalizzata [83].

74. Abbażi ta' dan, nosserva b'mod partikolari li l-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-Artikolu 6(1) tal-KEDB tippermetti stħarriġ limitat tal-fondatezza tad-deċiżjonijiet amministrattivi mill-qrati nazzjonali, b'mod konformi mat-trattament ta' rikorsi amministrattivi fl-Istati Membri. Barra minn hekk, din il-ġurisprudenza tieħu inkunsiderazzjoni l-perizja speċifika u d-diskrezzjoni

[76] Ara s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes De Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punti 176 sa 178).

[77] Ara s-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2015, Fazia Ali vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2015:1020JUD004037810, punt 78).

[78] Ara s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes De Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punt 181).

[79] Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2016, Al-Dulimi u Montana Management Inc. vs L-Isvizzera (CE:ECHR:2016:0621JUD000580908, punt 130).

[80] Ara s-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Sigma Radio Television Ltd vs Ċipru (CE:ECHR:2011:0721JUD003218104, punti 158 sa 169, b'mod partikolari l-punti 159 u 161).

[81] Ara s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2009, Crompton vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2009:1027JUD004250905, punti 72, 79 u 80). Dwar l-Artikolu 13 tal-KEDB, ara s-sentenza tat-30 ta' Ottubru 1991, Vilvarajah *et* vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1991:1030JUD001316387, punti 122 sa 127).

[82] Ara s-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Sigma Radio Television Ltd vs Ċipru (CE:ECHR:2011:0721JUD003218104, punt 157).

[83] Ara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2006, Tsfayo vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2006:1114JUD006086000, punti 46 sa 49, b'mod partikolari l-punt 46).

tal-awtorità amministrattiva kkonċernata. Inqis li dawn il-punti għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta u l-applikazzjoni tiegħu fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża.

75. Fid-dawl tal-formulazzjoni tiegħu, l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 ma jeħtieġx li l-Istati Membri jipprovdu stħarriġ ġudizzjarju tal-fondatezza ta' deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti. Minn dan isegwi li din hija kwistjoni għall-Istati Membri, sakemm huma josservaw l-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività kif ukoll mid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva abbażi tal-Artikolu 47 tal-Karta. Għalhekk, jidhirli li r-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 ma jidhrux, bħala prinċipju, li jipprekludu lil Stat Membru milli jistabbilixxi regoli proċedurali li jipprovdu għal stħarriġ minn qorti nazzjonali tal-fondatezza ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004, bħall-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, jew li jipprevedu l-portata iktar limitata tal-kontestazzjoni ta' din id-deċiżjoni, bħalma huwa l-każ ta' rikors għal stħarriġ ġudizzjarju.

76. Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-fondatezza ta' din id-deċiżjoni ma jidhirx li huwa neċessarju, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punti 64 sa 66 ta' dawn il-konklużjonijiet, sabiex jiġu ggarantiti l-għanijiet u l-effettività tar-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004. Għall-kuntrarju, jidhirli li l-portata iktar limitata tal-kontestazzjoni ta' din id-deċiżjoni, bħal dik f'rikors għal stħarriġ ġudizzjarju, tkun tippreżerva l-perizja speċifika tal-veterinarju uffiċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar jekk laħam huwiex xieraq għall-konsum mill-bniedem, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 sabiex jiġi żgurat li laħam mhux xieraq ma jitqiegħedx fis-suq u b'hekk tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika mfittex minn dan ir-regolament (ara l-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet). Il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma għandha informazzjoni quddiemha li tindika li rikors għal stħarriġ ġudizzjarju jipprevjeni lill-qorti nazzjonali milli tapplika l-prinċipji u r-regoli rilevanti tad-dritt tal-Unjoni hija u tistħarreġ din id-deċiżjoni.

77. Fir-rigward tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva abbażi tal-Artikolu 47 tal-Karta, jidher li, fis-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali, deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 ma tistax tiġi mistħarrġa fuq il-fondatezza, la quddiem awtorità amministrattiva u lanqas quddiem qorti. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-Artikolu 6(1) tal-KEDB (ara l-punti 70 sa 73 ta' dawn il-konklużjonijiet), dan jista' jitqies li jirrifletti s-sistemi legali tal-Istati Membri sa fejn jista' jkun hemm stħarriġ limitat ta' deċiżjonijiet amministrattivi fuq il-fondatezza minn qorti nazzjonali, u ma jeżisti ebda dritt għal livell ta' ġurisdizzjoni li tista' tissostitwixxi l-opinjoni tagħha flok dik tal-awtorità kompetenti, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li jinvolvu perizja speċifika u l-eżerċizzju ta' setgħa diskrezzjonali minn din l-awtorità. Fil-fehma tiegħi, dan huwa l-każ hawnhekk, li jirrigwarda deċiżjoni dwar l-immarkar ta' saħħa ta' laħam meqjus bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem, meħuda abbażi ta' spezzjoni ddettaljata tal-laħam kif ukoll tal-għarfien u tat-taħriġ professjonali estiż tal-veterinarju uffiċjali kif jipprevedi r-Regolament Nru 854/2004 (ara l-punti 44 sa 46 ta' dawn il-konklużjonijiet).

78. Għandu jiġi rrilevat ukoll li, kif indikat mid-deċiżjoni tar-rinviju (ara l-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet), fil-kuntest ta' rikors għal stħarriġ ġudizzjarju, il-qorti tista' teżamina jekk il-konstatazzjonijiet magħmula mill-veterinarju uffiċjali humiex sostnuti minn provi u tista' tannulla d-deċiżjoni li ġiet adottata. Għalhekk, jidher li l-qorti tista' tagħmel evalwazzjoni

awtonoma mingħajr ma tkun marbuta bil-konstatazzjonijiet preliminari tal-veterinarju uffiċjali u għandha s-setgħa li tannulla d-deċiżjoni meħuda minn dan il-veterinarju uffiċjali għal diversi raġunijiet.

79. Fir-rigward tas-soluzzjoni amministrattiva eventwali msemmija fl-osservazzjonijiet tar-Renju Unit (ara l-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet), din is-soluzzjoni hija stabbilita f'test maħruġ mill-FSA u tidher li hija prassi amministrattiva. Huwa paċifiku li hija ma ntużatx fit-tilwima fil-kawża prinċipali, peress li ġiet adottata mill-FSA wara li qamet din it-tilwima. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li dan il-proċess jippermetti lil veterinarju uffiċjali jikkunsidra mill-ġdid, fid-dawl tat-tieni opinjoni maħruġa minn veterinarji kompetenti oħra, l-evalwazzjoni tiegħu ta' laħam bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem qabel ma jieħu d-deċiżjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004. Abbażi ta' dan, jidhirli li, għalkemm tali proċess jista' jkun rilevanti għall-finijiet tat-tressiq ta' azzjoni sabiex tiġi kkontestata din id-deċiżjoni fil-każ li jsir użu minnu, huwa ma jikkostitwixxix mezz ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' din id-deċiżjoni u għalhekk ma huwiex suffiċjenti, minnu nnifsu, sabiex jiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva abbażi tal-Artikolu 47 tal-Karta.

80. Għandu jingħad ukoll li l-argumenti mressqa mir-rikorrenti dwar l-obbligi proċedurali imposti fuq l-Istati Membri fil-kuntest tad-dritt għall-proprjetà protett mill-Artikolu 17 tal-Karta ma jinvalidawx din l-analiżi. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB [84], li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Karta [85], il-portata iktar limitata tal-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004, bħal dik involuta f'rikors għal stħarriġ ġudizzjarju, tista' titqies, fil-fehma tiegħi, li toffri lil operatur ta' biċċerija opportunità raġonevoli li jressaq il-każ tiegħu quddiem qorti sabiex jikkontesta b'mod effettiv din id-deċiżjoni, sa fejn dan id-dritt għall-proprjetà skont dan l-artikolu ġie involut.

81. Nikkonkludi għalhekk li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 u fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, ma jipprekludix proċedura stabbilita mid-dritt nazzjonali, bħal rikors għal stħarriġ ġudizzjarju, li tipprovdi għal stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-veterinarju uffiċjali li tirrifjuta l-applikazzjoni ta' marka tas-saħħa għal laħam meqjus bħala mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem skont liema l-qorti nazzjonali li twettaq dan l-istħarriġ ma tkunx awtorizzata tistħarreġ il-fondatezza ta' din id-deċiżjoni.

C. Domanda 1

82. Kif issemma fil-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-ewwel domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrigwarda l-punt dwar jekk ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 jipprekludux proċedura nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990.

83. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, din id-domanda tqajmet fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali bejn ir-rikorrenti u l-FSA dwar il-proċedura korretta taħt id-dritt nazzjonali għal evalwazzjoni ġudizzjarja ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 u dwar il-konformità tal-FSA mar-regoli previsti mid-dritt intern.

[84] Ara s-sentenzi tat-3 ta' April 2012, Kotov vs Ir-Russja (CE:ECHR:2012:0403JUD005452200, punt 114), u tat-12 ta' Lulju 2016, Vrzić vs Il-Kroazja (CE:ECHR:2016:0712JUD004377713, punt 110).

[85] Ara s-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2019:432, punt 72).

84. Jiena kkonkludejt li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, proċedura nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, ma hijiex kompatibbli mar-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività u mal-Artikolu 47 tal-Karta. Ir-raġunijiet li għalihom wasalt għal din il-konklużjoni huma s-segwenti.

85. Għandu jitfakkar mill-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-assenza ta' regoli tal-Unjoni, hija s-sistema legali ta' kull Stat Membru, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, li għandha tindika l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni għal azzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi huma mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, għandu jitfakkar ukoll li kull każ fejn tqum il-kwistjoni dwar jekk regola proċedurali nazzjonali tirrendix impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-Unjoni għandu jiġi analizzat billi jsir riferiment, fejn xieraq, għall-prinċipji bażiċi tas-sistema legali nazzjonali kkonċernata, inkluż il-prinċipju ta' ċertezza legali [86]. Barra minn hekk, meta jistabbilixxu r-regoli proċedurali li jirregolaw tali azzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-osservanza tal-Artikolu 47 tal-Karta [87].

86. Minn dan isegwi li miżuri nazzjonali li jindikaw il-qrati li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni ta' azzjonijiet li jikkontestaw deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 jaqgħu fl-ambitu tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, sakemm dawn josservaw l-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni, fosthom il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva abbażi tal-Artikolu 47 tal-Karta. Kif issemma fil-punt 75 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004 ma jidhrux, fil-prinċipju, li jipprekludu lil Stat Membru milli jistabbilixxi regoli proċedurali li jipprovdu għall-istħarriġ minn qorti nazzjonali tal-fondatezza ta' deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004, bħall-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990, jew li jipprevedu l-portata iktar limitata tal-kontestazzjoni ta' din id-deċiżjoni, bħal dik li jimplika rikors għal stħarriġ ġudizzjarju.

87. Madankollu, jidhirli li l-aspetti segwenti tas-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali huma partikolarment rilevanti.

88. Kif indikat mill-qorti tar-rinviju (ara l-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet), il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990 tissuġġetta d-deċiżjoni tal-veterinarju uffiċjali għal stħarriġ minn membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali, li jista' jikkunsidra, abbażi ta' provi xierqa, li l-laħam ma jikkonformax mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-ikel. Madankollu, ma huwiex l-operatur tal-biċċerija, li l-interessi tiegħu huma ppreġudikati minn din id-deċiżjoni, li jista' jirreferi l-kwistjoni lill-membru tal-ġudikatura f'qorti distrettwali, iżda pjuttost l-uffiċjal tal-FSA. Fil-fehma tiegħi, il-fatt li din il-proċedura ma tistax tiġi invokata minn operatur ta' biċċerija sabiex jinvoka d-drittijiet tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, u tiddependi fuq azzjoni meħuda minn awtoritajiet nazzjonali, bħall-FSA, jidher, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li jirrendi l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli.

[86] Ara s-sentenza tat-8 ta' Marzu 2017, Euro Park Service (C-14/16, EU:C:2017:177, punt 37).

[87] Ara s-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2016, Lesoochranárske zoskupenie VLK (C-243/15, EU:C:2016:838, punt 65), u tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság (C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punt 142).

89. Bl-istess mod, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990 ma tiggarantixxix lill-operatur ta' biċċerija dritt ta' aċċess għal qorti skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, peress li dan l-operatur ma jingħatax possibbiltà reali li jressaq proċeduri legali quddiem qorti sabiex jikkontesta din id-deċiżjoni [88].

90. Barra minn hekk, is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju skont id-dritt tar-Renju Unit tidher problematika għal raġunijiet ta' ċertezza legali. Kif irrikonoxxiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li joħolqu sitwazzjoni legali suffiċjentement preċiża, ċara u prevedibbli sabiex tippermetti lill-individwi jkunu jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom [89]. Bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, ir-regoli proċedurali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jidhrux li jissodisfaw ir-rekwiżit ta' ċertezza legali u għalhekk ma humiex konformi mal-prinċipju ta' effettività minħabba n-nuqqas ta' ċarezza dwar jekk il-mod korrett ta' kontestazzjoni tad-deċiżjoni tal-veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004 huwiex permezz tal-proċedura prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990 jew permezz ta' rikors għal stħarriġ ġudizzjarju.

91. Nikkonkludi għalhekk li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, ir-Regolamenti Nru 854/2004 u Nru 882/2004, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività u l-Artikolu 47 tal-Karta, jipprekludu proċedura nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990.

VII. Konklużjoni

92. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mis-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit) kif ġej:

1. Bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' effettività u mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu proċedura nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 9 tal-Liġi tal-1990.

2. L-Artikolu 54(3) tar-Regolament Nru 882/2004 jeżiġi li l-Istati Membri jipprovdu dritt għal rikors kontra deċiżjoni ta' veterinarju uffiċjali li tirrifjuta l-applikazzjoni ta' marka tas-saħħa għal laħam meqjus mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 854/2004. Dawn id-dispożizzjonijiet, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux proċedura stabbilita

[88] Ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, Aktiva Finants (C-433/18, EU:C:2019:1074, punt 36). Ta' min jinnota li l-QEDB iddeċidiet, fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-Artikolu 6(1) tal-KEDB, li d-dritt ta' aċċess għal qorti għandu jkun "prattiku u effettiv", u mhux "teoretiku jew illużorju": ara s-sentenza tal-5 ta' April 2018, Zubac vs Il-Kroazja (CE:ECHR:2018:0405JUD004016012, punt 77). Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Samba Diouf (C-69/10, EU:C:2011:102, punt 43), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali General Hogan fil-kawża B. M. M. u B. S. (Riunifikazzjoni tal-familja – wild minuri) (C-133/19, EU:C:2020:222, punt 44).

[89] Ara s-sentenza tat-28 ta' Jannar 2010, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-456/08, EU:C:2010:46, punt 61).

mid-dritt nazzjonali, bħal rikors għal stħarriġ ġudizzjarju, skont liema l-qorti nazzjonali li twettaq l-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali deċiżjoni ma tkunx tista' tistħarreġ il-fondatezza ta' din id-deċiżjoni.